**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 68

It-Tlieta 05 ta' Diċembru 2017

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 68.1 Introduzzjoni

68.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.00 hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

68.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 67 ta' 1 ta' Novembru 2017.

68.1.3 Korrezzjonijiet ma kienx hemm. Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri minuti nr 67 bid-data ta' 1 ta' Novembru 2017 ġew approvati unanimament.

## 68.2 Punti mqajma mill-minuti

68.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 67.3.35 rigward iz-zebra crossing fi Triq Sant'Andrija li kienet ġiet approvata mill-Kunsill li ssir u fl-aħħar laqgħa s-Sinjorina LorraineFarrugia kellha tmur 'on site' biex tiċċekkja dwarha.

68.2.2 Hija kompliet tispjega fuq parir li kien diġa tana l-Perit tal-Kunsill li biex isir zebra crossing irid ikun hemm bankina fuq kull naħa u t-triq trid tkun wiesgħa biżżejjed.

68.2.3 Is-Sinjorina Farrugia spjegat lill-Kunsill li wara li hija marret tiċċekkja, sabet li biex dan isir irid jitneħħa parking space u bil-problemi ta' nuqqas ta' parkeġġ li hemm f'dik it-triq mhiex ta' l-opinjoni li jitneħħa parkeġġ.

68.2.4 Fuq dan is-suġġett, is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi kompliet tgħid li minħabba li din hija issue fuq it-traffiku ser tiġi diskussa fil-laqgħa tas-sub-committee tar-residenti li ser isir nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017 fis-5:15p.m.

68.2.5 F'din il-laqgħa ser jiġu diskussi u anke jintlaqgħu suġġeriment mir-residenti fuq *issues* relatati mat-traffiku kif ukoll ser jiġu diskussi l-proposti li kienet għamlet il-Profs. Maria rigward it-traffiku biex wara jitressqu għal l-approvazzjoni tat-TM.

68.2.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrguia tkellmet fuq 67.3.67tal-minuti, rigward l-impjieg ta' ħaddiem ġdid flok il-ħaddiem tagħna Michael Bedingfield li f'Marzu 2018 ser jirtira.

68.2.7 Hija issuġerit u l-Kunsill qabel li min jiġi *seconded* mal-Kunsill irid jiġi magħżul l-ewwel għandha ssir internal call u jekk ma jinstab ħadt imorru għal Job plus.

68.2.8 Fuq dan is-suġġett is-Segretarju kompliet tgħid li l-ħaddiema ta' l-RSS qegħdin jagħmlu talba lill-Kunsill li meta ikun imisshom jaħdmu mal-Kunsil ta' Ħal Lija u jużaw it-trasport tagħhom qegħdin jitolbu *flat rate* għad diesel ta' €20 kull ġimgħa.

68.2.9 Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

68.2.10 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi kompliet iżied li sfortunatament il-vann tal-Kunsill ma jistax jisewha għar-raġuni li l-mechanic ma jistax isib il-parts li jonqsu għaliex il-vann antik.

68.2.11 Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat dan għaliex anke hi marret għand il-mechanic u spjegala dan kollu.

68.2.12 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet titkellem fuq 67.3.88 rigward it-talba għal give ways fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela fejn hija qalet li marret 'on site' u ħadet ir-ritratti u l-kejl għal dawn il-give ways u bagħtithom b'email lill-Kunsill.

68.2.13 Dawn għandhom l-ewwel jintbagħtu lil TM għal approvazzjoni.

### 68.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU / VIP LIST

68.3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, ikkonfermat li wara li kienet saret l-internal call għal Executive Officer għal l-uffiċċju tal-Kunsill u wara li kienet applikat is-Sinjorina Pamela Borg għal dan il-post, hija kienet ġiet intervistata mill-Kunsill.

68.3.2 Is-Sindku flimkien mal-Kunsill ikkonfermaw din il-ħatra l-ġdida tas-Sinjorina Pamela Borg fil-kariga ta' 'Executive Officer'.

68.3.3 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-Festival taċ-Ċitru fejn hija qalet li war li kkuntatjat il-Kappillan biex tara jekk is-Sala f'Tal-Mirakli tkunx *available* fl- 14 ta' Jannar, fil-fatt f'dik id-data ma kienetx*available*.

68.3.4 Sadanitant is-Segretarju Eżekuttiv ġie ikkuntatjat mill-organizzaturi ta' l-uffiċċju tal-President li jorganizzaw din l-attivita' biex jaraw x'għandu f'moħħu l-Kunsill bħala data għal din l-attivita'.

68.3.5 Is-Segretarju kompliet tgħid li sar qbil u ftheim li d-data tal-Festival taċ-Ċitru minn naħa tal-President isir fl-14 ta' Jannar 2018 filwaqt li l-l-Festival taċ-Ċitru minn naħa tal-Kunsill isir fl-21 ta' Jannar 2018.

68.3.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija ġiet ikkuntatjata minn Melitello Sqallija fejn urew ix-xewqa biex fil-Festival taċ-Ċitru jieħdu sehem b'xi stand minn tagħhom.

68.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet iżied li ntbagħtet e-mail lid-Dipartiment lil Ms. Camilleri Aquilina biex jiġi iċċekkjat rigward l-applikazzjoni għall-fondi għal din l-attivita' pero għalissa l-proċess għadu fl-evalwazzjoni.

68.3.8 Is-Sindku ressqet ċirkulari mill-Assocjazzjoni dwar multi mill-Awtorita' tas-Saħħa u Sigurta' fuq il-post tax-xogħol, dwar il-kwistjoni li qamet ma' din l-awtorita' dwar multi li irċieva l-Kunsilli Lokali ta' Ħal Lija u l-Kunsilli l-oħra.

68.3.9 Hawnhekk is-Segretarju spjegat li din iċ-ċirkulari kienet tgħid li peress li kien hemm nuqqasijiet mill-Kunsilli Lokali din il-multa trid titħallas u min irid jikkontestha għandu jagħmel dan individwalment.

68.3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-risk assessment li sar fl-uffiċċju fejn hemm xi affarijiet li jridu jsiru immedjatament u fejn qalet li l-Kunsill li dan ir-rapport kien ntbagħat lilhom b'email ukoll.

68.3.11 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi kompliet iżied li l-Assoccjazzjoni qegħda titlob lill-Kunsilli Lokali biex jippuntaw rappreżentant fuq health and safety.

68.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Pamela Borg għandha tigi *appointed* peress li hija attendiet diġa korsijiet f'dan ir-rigward.

68.3.13 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi xtaqet terġa' tressaq talba rigward parkeġġ biex jitneħħa minn quddiem ir-residenza ta' Dun Ġużepp Fenech fi Triq il-Forn minħabba li meta l-karozzi jipparkjaw f'dan il-parkeġġ jingħalaq il-passaġġ ta' quddiem id-dar tiegħu.

68.3.14 Saret diskussjoni mill-Kunsilliera fejn ġie diskuss li f'dik l-area diġa hemm problema kbira ta' parkeġġ li ħafna drabi jipparkjaw double parking u jekk jitneħħa ser ikun hemm problema akbar.

68.3.15 Għalhekk ġie deċiż li ssir plastic sign fejn tgħid li minn jipparkja irid iħalli l-mobile number għaliex f'dik id-dar joqgħodu persuni bi bżonnijiet speċjali u f'kull mument jista' jkollhom bżonn ambulanza.

68.3.16 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tiġbed l-attenzjoni rigward is-site plans li rċevejna mingħand il-perit tal-Kunsill rigward plotting tal-parking bays fi Triq is-Salvatur.

68.3.17 Is-Sinjorina Farrugia xtaqet tiġbded l-attenzjoni li jistgħu jsiru ftit aktar parking bays fejn hi mmarkat fuq il-pjanta li bagħtilna l-Perit.

68.3.18Il-Kunsill iddiskuta u ddeċieda li għandna nibagħtu site plan li mmarkat is-Sinjorina Lorraine Farrugia biex tiġi approvata mill-Perit qabel tiġi implimentata.

68.3.19Is-Sur Salvu Farrugia xtaq iressaq talba biex jerġgħu jitwaħħlu tabelli ta' No Entry for Heavy Vechiles' peress li dan l-aħħar qegħdin jgħaddu vetturi kbar minn din it-Triq u qiegħed issir ħsara lid-djar tar-residenti.

68.3.20Il-Kunsill qabel unananimament biex dawn jerġgħu jitwaħħlu.

68.3.21Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill, ir-Rapport għall-reserved parking tas-Sinjura Elizabeth Micallef.

68.3.22Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni għalhekk trid tintbaghat lil TM.

68.3.23Is-Segretaju Ezekuttiv xtaqet titkellem dwar il-proġett ta' tiswija ta' dawl fil-ġnien fejn il-kwotazzjoni finali ta' xogħol ġiet tiswa' l-ammont ta' €1950.75, li hija irħas mill-kwotazzjoni tal-bidu li kien tana l-kuntrattur li kienet tammonta għal €2778.96.

68.3.24Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kont għandu jitħallas.

68.3.25. Is-Segretarju xtaqet tiġbed l-attenzjoni li l-flood lights ta' ħdejn il-ground fil-ġnien m'humiex jaħdmu u ma kienux parti mit-tiswija tal-ġnien. Il-Kuntrattur diġa mar jiċċekja u biex issir it-tiswija irid l-ewwel isir tħaffir fil-ħamrija u anke jaqla' xi madum minn ħdejn il-ground għal ħdejn il-pitch għal ħdejn il-Playing field.

68.3.26Il-Kunsill qabel unanimaent li għandha tinġieb kwotazzjoni għal dawn ix-xogħolijiet u dawn il-flood lights għandhom jissewwew.

68.3.27Is-Segretarju ressqet e-mail li rċivejna mingħand Ms. Maria Farrugia fuq il-Kampanja Nahseb Fik rigward talba għal għajnuna mill-Kunsill Lokali biex joffri l-bini tal-uffiċċju biex in-nies li jixtiequ jġibu xi rigali għal nies vunerabli ġibuhom il-Kunsill u jinġabru minn hawn.

68.3.28Il-Kunsill Lokali approva din it-talba.

68.3.29 Resident ressaq ilment lill-Kunsill li t-toliet ta' diżabilita' ma jistax jintuża fiċ-Ċentru Rekreattiv, dan għaliex qed ikun dejjem magħluq.

68.3.30 Is-Segretarju nfurmat li kien ġie ikkuntatjat il-Kuntrattur tal-Latrini biex jara għalfejn dan qed ikun magħluq u huwa qalilna li dan ilu ma jaħdimx u qed jintuża bħala store. Biex dan it-toliet jintuża jrid jsir mill-ġdid bil-bieb b'kollox.

68.3.31Wara li saret diskussjoni mill-Kunsilliera ġie approvat li dan għandu jittranġa.

68.3.32Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Ħamis li għadda 30 ta' Novembru hi flimkien ma' Sindku attendew il-Contracts Review Board dwar il-claim fuq tender LLC01/2017 ta' ġbir ta' skart.

68.3.33Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-Kunsill Lokali li l-argument waqt is-seduta kien li min rebaħ it-tender ma kellux l-istess truckijiet meta tefgħa tender, għaldaqstant ma ġewx jaqblu mal-logobooks li ġew preżentati wara fl-uffiċċju tal-Kunsill kif kien mitlub.

68.3.34Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tinforma lill-Kunsilliera li s-sentenza dwar dan il-kas ser tinqara l-Ħamis 7 ta' Diċembru 2017.

68.3.35 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tressaq talba mingħand xi residenti rigward reserved parking li saret minn TM fi Triq tal-Mirakli ta' imħallef.

68.3.36 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat li fejn sar dan ir-reserved parking hemm bieb ta' ġnien fejn jintuża ħafna mill-ġardinar ta' spiss u għalhekk ser tkun diffiċli ħafna

biex dan jidħol u joħroġ b'xi għodda. Qabel meta kienu jsibu xi karozza pparkjata kienu jaraw ta' min hi u ċaqlaqilhom u issa minħabba li hemm reserved ikun aktar diffiċli biex dan isir.

68.3.37 Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia qeda tissuġerixxi li jsir ftit aktar l-isfel minn fejn qeda bħalissa. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu lil TM fuq din il-problema.

68.3.38 Il-Kunsill kompla jiddiskuti il-kwistjoni ta' l-aħħar laqgħa dwar il-balavostri ta' soft area li hemm fejn il-ground tal-football.

68.3.39 Is- Segretarju spjegat li qegħdin jinġabru l-kwotazzjonijiet kif kien mifthiem fl-aħħar laqgħa fuq balavostri tal-ġebel, ħajt sħiħ jew ħadid.

## 68.4 KONFERMA TAL-KWOTAZZJONI LLC Q01- 17 GĦAL L-INSURANCE COVERAGE.

68.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellment ukoll dwar il-kwotazzjoni ta' Insurance Coverage fejn bidder wieħed tefgħa l-offerta tiegħu li huwa l- Mediterranean Insurance Brokers li kien l-istess bħal tas-sena ta' qabel.

68.4.2 Dan ġie approvat unanimament.

## 68.5. APPROVAZZJONI TAL QUARTERLY FINANCIAL REPORT GĦAL PERJODU 1 TA' JANNAR SA L-AHHAR TA' SETTEMBRU 2017 – IT-TIELET KWART.

68.5.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Quarterly Financial report għat-tielet kwart tas-sena bejn Jannar u Settembru 2017.

68.5.2 Is-Segretarju spjegat li fir-rapport, il-Kunsill qiegħed b'surplus ta' €60,163.00 għat-tielet kwart ta' sena pero l'FSI qiegħed negative bi 12%.

68.5.3 Is-Segretarju kompliet tgħid lil l-accountant infurmart li dan in-negative FSI huwa dovvut għal dejn li l-Kunsill għandu fuq il-proġett tal-PPP.

68.5.4 Hija nfurmat li kieku l-FSI kien ikun positive b'39%.

## 68.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

68.6.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2017u anke skeda tal-Petty Cash.

68.6.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.

68.6.3 Fuq proposta tas-Sur Stephanie Cutajar sekondata mis-Sur Massimo Scerri, il-pagamenti u l-petty cash għax xahar ta' Diċembru ġew approvati unanimament.

## 68.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

68.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-06:00p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar 2018, fil-5.00pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |